MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 343/2003

**Avviz Numru 343/03 AJD**
**Monica Galea ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta Glamour Productions**

**vs**

**Elizabeth Chircop**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Frar 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi ta'' produzzjoni u reklamar tal-prodotti tal-konvenuta maghmula fuq inkarigu tal-konvenuta,, liema somma il-konvenuta giet debitament interpellata sabiex thallas permezz ta'' ittra legali kif ukoll permezz ta' ittra ufficcjali tal-5 ta'' Settembru 2002.

Bl-ispejjes,inkluzi dawk tal-ittra legali u ufficcjali, bil-VAT fuq l-ammont dovut u bl-imghax kummercjali ai termini tal-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili kontra l-konvenuta.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hijaa eccepit is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament in-nullita'' taat-talba stante li prezentata minn persuna ghan-nom ta'' ditta li m'hijiex persuna gurudika. It-talba kellha ssir minn Marisa Galea personalment u mhux f'isem ditta.
2. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju, il-konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante li personalment qatt ma nnegozjat mal-attrici.
3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, irid jiigi pruvat li fil-fatt ir-reklamar aar kiff miftiehem.
4. Illi s-servizz provdut ma kienx skond is-sengha u l-arti u fil-fatt ma kellu effett negligibbli fuq il-bejgh tal-kumpanija tal-konvenuta.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema'' x-xhieda tal-atrici, ta' Ray Theuma u tal-konvenuta. Ha konjizzjjooni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema'' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-attrici u l-konvenuta iffirmaw kuntratt (esebit a fol.16) fejn il-konvenuta inkarigat tlill-attrici sabiex tipproduci sitt 'slots' ta'' hamess minuti l-wahda ta' 'teleshopping' u cioe' reklamar fuq stazzjon televisiv. Mid-dokument appena citat u mix-xhieda tal-attrici jirrizulta li wara li gew imxaandra erba' 'slots' il-konvenuta esprimiet ix-xewqa li tikkancella ir-rimanenti zewg 'slots' stante li ma kienx wasal l-'istock' konsistenti fi hjwejjeg minn barra. L-attrici accettat li tikkkancella dawn iz-zewg 'slots' u s-sorte fil-kawza odjerna fil-fatt jirrigwarda il-prrezz tal-ewwel erba' 'slots'.

Illi fl-ewwel eccezzjoni minnha sollevata il-konvenuta teccepixxi n-nullita' tal-Avviz stante li tirritjeni li Marisa Galea kienet qed tagixxi f'isimha proprju u mhux ghan-nom ta'' ditta. Mill-provi irrizulta li din l-eccezzjoni hija ghal kollox infondata.. Fil-fatt il-ftehim bejn il-partijiet esebit a fol. 16 jinddika li l-attrici kienet tiggestixxi n-negozju taghha taht l-isem ta' Glamour Productions u ghalhekk l-Avviz gie ntavolat korrettement. Inoltre jrid jigi rilevat li l-konvenuta fix-xhieda taghha tal-1 ta' Lulju 2003 gharfet il-firma taghha fuq dan id-dokument. In kwantu jirrigwarda it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta, din ukoll tirrizulta nfondata stante li fil-ftehim relattiv imkien ma hemm indikat li l-konvenuta kienet qed tagixxi ghan-nom ta'' socjeta'' kummercjali bl-isem ta' City Girl Limited izda li hija nnegozjat mal-attrici f'isimha proprju.

L-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta fil-mertu wkoll huma ghal kollox infondati. Hija fil-fatt tiiritjeni li l-ammont mitlub mill-attrici m'huwiex dovut stante li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti izda mbaghad tkompli tghid li skond hi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti peress li ma kienx hemm konkorrenza ta' klijenti fil-hanut taghha wara li saru dawn ir-reklami. It-Tribunal jiddhirlu li meta wiehed jipprovdi servizzi ta' reklamar huwa ma jkunx obbligat jiggarantixxi l-konkorrenza jew il-bejgh tal-prodott rekllamat , sakemm ovvjament dan ma jigix specifikatament ppatwit bejn il-partijiet. Dan ma jirriizultax li sar fil-kaz in dizamina. Inoltre l-konvenuta bl-ebda mod ma rnexxielha tipprova li s-servizzi ta'' produzzjoni u reklamar ma sarux skond is-sengha u l-arti.

Ghal dawn il-mmotivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichadd l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thalllas lill-attrici s-somma ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta'''' din l-istanza,, nkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-5 ta'' Settemmbru 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------